MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru. 155/2004

**Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Kyle Galea**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Kyle Galea ta’ 18 sena, imwieled UK fit-18 ta’ Dicembru 1985, iben Dominic u Irene nee’ Boyle u residenti 41/3 Triq Sant Anna, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0135502L gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-31 ta’ Awwissu 2003 bejn 1.00am u 1.45am mill-post maghruf bhala ‘Havana’ li jinsab fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ikkommetta serq aggravat ta’

telefons cellulari a detriment ta’ Blanche Camilleri u Graziella Camilleri minn Bormla. Tali serq huwa aggravat bil-valur u l-hin ai termini ta’ Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin u post u fil-granet sussegwenti, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg (telefons cellulari) misruqa, mehudha b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, kien fil-pussess ta’ hwejjeg misruqa ai termini ta’ l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Frar 2004 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 ta’ April 2004 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illli l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-31 ta’ Awwissu tal-2003 il-Pulizija rceviet rapport minghand Blanche u Graziella Camilleri fejn dawn qalu li waqt li kienu gewwa stabbiliment ta’ divertiment gewwa Paceville insterqilhom handbag li gewwa fih kellu zewg mobile phones li kienu tal-marka Nokia, wiehed bil-mudell numru 8310 u l-iehor tal-mudell numru 3310. Dawn iz-zewg persuni indikaw ukoll is-serial numbers ta’ dawn iz-zewg mobile phones u l-Pulizija tablet lis-socjeta’ Go Mobile sabiex tinvestiga minn fejn kienu qed jintuzaw dawn iz-zewg mobile phones. Fi Frar 2004 (ara dokument esebit a fol. 28 sa 34 tal-process) is-socjeta’ Go Mobile infurmat lil Pulizija li l-mobile phone li kien ta’ Blanche Camilleri, li kien il-mudell Nokia 6310 u li meta kien qed

jintuza minn Blanche Camilleri kien qed jintuza bil-linja bin-numru 79300082, kien issa qed jintuza mill-imputat Kyle Galea bil-linja tieghu bin-numru 79223273. Il-Pulizija ghalhekk baghtet ghall-imputat fejn huwa rrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 23, 24 u 25 tal-atti processwali) fejn huwa qal li f'Awwissu u Settembru 2003 kien jifrekwenta l-istabbiliment Havana, u cioe' il-post minn fejn insteraq il-handbag biz-zewg mobile phones, huwa kkonferma wkoll li l-linja 79223273 kienet tieghu u li kien ghamel zmien juza il-mobile phone mudell numru Nokia 8310 li kien irrizulta misruq. Huwa qal li kien xtara dan il-mobile phone ghal prezz ta' Lm30 minghand persuna ta' nazzjonalita' Gharbija li ma kienx jafu u li ltaqa' mieghu f'bieb il-Belt. Huwa kkonferma li kien jaf kemm kien jiswa' mudell gdid bhal dak li xtara minghand il-persuna ta' nazzjonalita' Gharbija u fil-fatt indika l-prezz ta' Lm110. Huwa qal ukoll li ma kien ra xejn stramb li kien qed jixtri dan il-mobile phone ghal prezz ferm inqas minn dak li kien effettivament jiswa u sostna li kien tilef dan il-mobile phone hdejn il-waterpolo pitch tal-Belt.

F'dawn il-proceduri xehdu Blanche u Graziella Camilleri li kkonfermaw li kienu ghamlu r-rapport dwar is-serq tal-handbag u l-mobile phones propjeta' taghhom u indikaw in-numru tal-linja tal-mobile phones taghhom u xehed ukoll Dr. Robert Tufigno in rapprezentanza tas-socjeta' Go Mobile li kkonferma r-rizultanzi tar-ricerki maghmula mill-istess socjeta' li jinsabu inseriti a fol. 28 sa 34 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-hin filwaqt li permezz tat-tieni akkuza huwa jinsab akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni l-Qorti jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi. Madanakollu l-Qorti hija tal-fehma li t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat, u cioe' dik fejn huwa jinsab akkuzat bir-reat ta'

ricettazzjoni tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-Prosekuzzjoni permezz tax-xhieda tar-rapprezentant tal-Go Mobile irnexxilha tipprova li l-mobile phone misruq kien qed jintuza mill-linja li l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata ikkonferma li kienet tieghu. Inoltre mill-istess stqarrija rilaxxjata mill-imputat jirrizulta li huwa ammetta li l-mobile phone misruq kien fil-pussess tieghu fil-perjodu immedjatament wara li dan irrizulta misruq u l-Qorti jidrilha li l-verzjoni moghtija mill-imputat dwar kif dan il-mobile phone gie fil-pussess tieghu, u cioe' li huwa kien xtrah minn bieb il-Belt ghal prezz ta' Lm30 mnghand persuna Gharbija li ma kienx jafha, hija ghal kollox inverosimili. Inoltre il-fatt li l-imputat kien ben konxju tal-prezz tal-mobile phone in kwistjoni hija indikazzjoni cara u inekwivoka li huwa kien ben konxju dwar il-provenjenza tal-*mobile phone* li huwa jallega li kien xtara ghall-prezz ferm inqas mill-valur attwali tieghu. Il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll l-eta' tieghu fiz-zmien meta huwa kkommetta r-reat li tieghu qed jinstab hati u jidrilha li huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tmintax (18) il-xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------